# SANNAT
# ...fl-Imgħoddi

*Sensiela informattiva u edukattiva dwar ta' Sannat*




minn

**Dr. Raymond C. Xerri**

B.A(Hons.) (U.S.A), E.U.Sch.(E.U.Law)(F.R.G), D.D.S., M.A(Dip.St.)(Malta), L.F.I.B.A.(U.K.), D.G.(U.S.A), P.hD (Australia)


## L-EMIGRAZZJONI MINN TA' SANNAT LEJN IN-NAĦA TA' FUQ TA' L-EWROPA

Tafu fejn kienet l-aktar destinazzjoni popolari ma' l-emigrant minn ta' Sannat fl-Ewropa ta' Fuq? F'liema bliet ta' dan il-pajjiż, li darba kien imperu, kienu jgħixu l-akbar komunitajiet ta' nies minn ta' Sannat? Għaliex għażlu dan il-pajjiż, jew tlett pajjiżi f'pajjiż wieħed?

***Ta' Sannat raħal tal-Emigranti***

Ta' Sannat minn dejjem kien raħal mnejn ħarġu mijiet minn niesu jfittxu opportunitjiet ta' xogħol u studju, u futur aħjar barra minn xtutna. Fil-fatt f'Għawdex, ir-raħal ta' Sannat għandu fost l-għola rati ta' emigranti. Li hu żgur hu, li kieku kellhom jirritornaw lura l-emigranti kollha bit-tfal tagħhom zgur li ta' Sannat ikollu popolazzjoni ferm akbar minn dik preżenti. L-istess jista' jingħad għan-numru ta' rħula oħra Għawdxin bħalma huma l-Qala, n-Nadur, ix-Xagħra. Għajnsielem u x-Xewkija biex insemmu l-akbar.

***L-Emigrazzjoni lejn pajjiżi ta' l-Ewropa ta' Fuq.***

Nistgħu ngħidu li l-emigrazzjoni minn ta' Sannat lejn din in-naħa tal-kontinent Ewropew kienet limitata għal żewġ postijiet; l-Ingilterra jew kif inhi magħrufa r-Renju Unit u n-naha ta' fuq ta' Franza. Fl-istess żminijiet li seħħet l-emigrazzjoni lejn il-pajjiżi ta' l-Afrika ta' Fuq bħall-Algerija, it-Tuneżija u l-Eġittu fil-bidu tas-seklu dsatax, bidet ukoll l-emigrazzjoni lejn l-Ewropa ta' Fuq.

***L-Emigrazzjoni lejn ir-Renju Unit***

Ir-Renju Unit jikkonsisti fi tliet pajjiżi magħqudin flimkien. Dawn huma l-Ingilterra, l-Iskozzja u Wales. L-emigrazzjoni lejn dawn il-pajjiżi kien popolari għax il-gżejjer tagħna kienu saru kolonnja Ingliża fl-1800 u hekk infetħu hafna bibien ta' opportunitajiet għall-poplu tagħna għax kull Malti u Għawdxi kien suddditu Ingliż bid-drittijiet kollha. B'hekk mhux talli biss kull kolonnja tal-imperu kienet aċċessibli għalina imma talli anke l-istess pajjiż li jmexxi l-Imperu jigifieri l-Ingilterra, kien pajjiż sinjur fejn kien hemm ħafna opportunitajiet ta' xoghol u studju.

L-emigrazzjoni bil-massa lejn ir-Renju Unit bidet ftit wara l-aħħar gwerra dinjija. L-istorja tibda meta għadd ġmielu ta' Għawdxin u Maltin emigraw lejn għadd ta' bliet-portijiet. Ma dawn l-emigranti ġew oħrajn minn ta' Sannat u postijiet oħra madwar Għawdex. L-emigrazzjoni minn Malta lejn ir-Renju Unit kompliet tiżdied u fil-fatt mit-3354 li emigraw bejn l-1919 u l-1929 żdiedet għal madwar 14,000 sal-1956. Sa l-1974 aktar minn 30,000 Malti u Għawdxi kienu emigraw lejn ir-Renju Unit.

Mhux magħruf kemm kienu l-emigranti li siefru minn ta' Sannat għaliex ma' hemmx statistika għall-perjodu kollu. Fis-snin wara t-Tieni Gwerra Dinjija, l-Ingilterra, partikolarment il-Belt kapitali ta' Londra kienet it-tieni l-aktar destinazzjoni importanti għall-emigranti minn ta' Sannat wara dik ta' l-Awstralja. Mill-arkivji ta' l-applikazzjonijiet tal-passaporti li jinsabu fiċ-Ċentru ta' l-Arkivji Nazzjonali *Santo Spirito* fir-Rabat ta' l-Imdina nsibu li ħafna nies minn ta' Sannat emigraw lejn il-bliet-portijiet ta' Kardiff, Londra, Portsmouth, Southampton, Glasgow, Edinburgh u Lancshire. Illum dawn il-persuni minn ta' Sannat jinsabu f'kull rokna tar-Renju Unit.



***Minn ta' Sannat jitilqu lejn l-Eġittu, l-Ingilterra u l-Awstralja***

Wara li nbena u nfetaħ il-Kanal ta' Swejz faqqet il-kriżi politika fl-Eġittu fejn ħafna persuni minn ta' Sannat spiċċaw emigraw lejn l-Ingilterra u l-Awstralja. Il-maġġoranza ta' dawn l-emigranti kienu żgħażagħ subien u rġiel li kienu jaħdmu fil-bini ta' dan il-proġett. Skond l-istatistika ppubblikata mid-Dipartiment ta' l-Emigrazzjoni f'Malta (li għalaq fl-1995) bejn is-snin 1946 u l-1956, in-numru ta' Maltin u Għawdxin li emigraw lejn l-Ingilterra kienu jammontaw għal 30,870. Fl-1962


Tiġrija Jewellers

**Nazju Sultana**
Proprietor

Level 2, Tigrija Palazz, Republic Street, Victoria, Gozo
**Tel: 21559324**

il-Gvern Ingliż permezz ta' liġi ġdida pprova jillimita l-emigrazzjoni minn Malta lejn l-Ingilterra. Pero' din il-liġi rriżultat f' żieda' kbira t'emigranti minn Malta għar-Renju Unit sal-1967. Wara din id-data kien hemm waqa' sostanzjali fin-numru ta' dawk li emigraw. Minn dik is-sena 'l quddiem l-emigrazzjoni lejn l-Ingilterra baqgħet tonqos u l-emigranti minn ta' Sannat bdew ifittxu pajjiżi oħrajn bħall-Awstralja, l-Istati Uniti u l-Kanada.

Ħafna mill-emigranti minn ta' Sannat li kienu marru r-Renju Unit spiċċaw emigraw lejn il-pajjiżi li għadni kif semmejt u użaw lill-Ingilterra biex jixtru passaġġ irħis lejn dawn il-pajjiżi fuq l-inizjattiva tagħhom.

**L-Emigrazzjoni minn ta' Sannat lejn Pariġi**

Fl-artiklu ta' qabel dan, rajna li l-emigranti minn ta' Sannat li emigraw lejn it-Tramuntana tal-Mediterran għażlu l-bliet-portijiet ta' Marsilja u Lyon. Matul is-snin 'il ftit emigranti minn ta' Sannat f'dawn il-bliet integraw sew fis-soċjeta Franċiża u feċċew opportunitajiiet ġodda f'ibliet oħra speċjalment fil-kapitali Franċiża Pariġi. Għalkemm in-numru minn ta' Sannat, Għawdxin u Maltin li emigraw lejn Franza kien wieħed żgħir, illum għandek issib komunita żgħira f'kull belt li semmejna.
Fl-artiklu li jmiss ser naraw kif persuni minn ta' Sannat kienu fost il-pijunieri emigranti Għawdxin fil-kontinent enormi ta' l-Awstralja, "pajjiż li jnixxi l-ħalib u l-għasel u li jinsab fit-tarf tad-dinja," fi kliem missirijietna. Fi kliem ħafna minn ħutna l-emigranti, l-Awstralja kienet l-art tal-ħolm għall-emigranti minn ta' Sannat u l-Għawdxin li għexu lejn l-aħħar as-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin.

## Referenzi:-


Attard, Lawrence E., *Early Maltese Emigration (1990-1914)*, PEG Ltd., Malta, 1983
Cauchi, M.N., *Maltese-Migrant Experience*, Gozo Press, Malta, 1999.
*L-Akrivji ta' l-applikazzjonijiet tal-passoporti fiċ-Ċentru ta' l-Arkivji Nazzjonali Santo Spirito, fir-Rabat ta' l-Imdina, Malta (1840-1940)*
Xerri, Raymond C., *Gozo in the World and the World in Gozo: a cultural impact of migration and return migration on an island community*, Victoria University, Melbourne, Australia, 2002



